



*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0143/2024**

26.2.2024

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjonij tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa ta' appoġġ sod lill-Ukrajna, wara sentejn ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (2024/2526(RSP))

**Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro, Markéta Gregorová, Alviina Alametsä, Bronis Ropė, Erik Marquardt, Heidi Hautala, Malte Gallée, Alice Bah Kuhnke, Pär Holmgren, Jakop G. Dalunde, Reinhard Bütikofer, Sergey Lagodinsky**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**B9-0143/2024**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa ta' appoġġ sod lill-Ukrajna, wara sentejn ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (2024/2526(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u r-Russja,
- wara li kkunsidra l-Karta tan-NU, il-Konvenzjonijiet ta' The Hague, il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-protokolli addizzjonali tagħhom, u l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),
- wara li kkunsidra l-Memorandum dwar il-garanziji ta' sigurtà b'rabta mal-adeżjoni tal-Ukrajna mat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari tal-5 ta' Diċembru 1994 (Memorandum ta' Budapest),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2022,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-2006 bejn il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Unjoni Ewropea dwar il-kooperazzjoni u l-għajnuna<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-2 ta' Novembru 2022 bit-titolu “Report of the International Criminal Court” (Rapport tal-Qorti Kriminali Internazzjonali) u r-riżoluzzjoni tal-14 ta' Novembru 2022 bit-titolu “Furtherance of remedy and reparation for aggression against Ukraine” (Aktar rimedju u riparazzjoni għall-aggressjoni kontra l-Ukrajna), u tat-23 ta' Frar 2023 bit-titolu “Principles of the Charter of the United Nations underlying a comprehensive, just and lasting peace in Ukraine” (Prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li fuqhom hija bbażata paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) tat-12 ta' Diċembru 2023 bit-titolu “Report on the human rights situation in Ukraine – 1 August to 30 November 2023” (Rapport dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna – mill-1 ta' Awwissu sat-30 ta' Novembru 2023),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-14 ta' Frar 2024 mill-Bank Dinji, mill-Gvern tal-Ukrajna, mill-Kummissjoni Ewropea u min-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu “Ukraine - Third Rapid Damage and Needs Assessment (RDNA3) February 2022 – December 2023” (L-Ukrajna - It-Tielet Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet (RDNA3) Frar 2022 – Diċembru 2023),
- wara li kkunsidra r-rapport tad-9 ta' Frar 2024 tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Konsegwenzi Ambjentali tal-Gwerra bit-titolu “An environmental compact for Ukraine – A Green Future: Recommendations for Accountability and Recovery” (Patt

---

<sup>1</sup> ĠU L 115, 28.4.2006, p. 50.

ambjentali għall-Ukrajna – Futur Ekoloġiku: Rakkomandazzjonijiet għall-Obbligu ta' Rendikont u għall-Irkupru),

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) tat-8 ta' Frar 2024 dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi sentejn ilu, fl-24 ta' Frar 2022, il-Federazzjoni Russa bdiet gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata, inġustifikata u illegali kontra l-Ukrajna; billi l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bdiet fl-2014 bl-okkupazzjoni ta' partijiet mir-reġjun ta' Donbas u bl-okkupazzjoni u l-annessjoni tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea tal-Ukrajna;
- B. billi minn dak iż-żmien, il-forzi tar-Russja komplew iwettqu u żiedu attacchi indiskriminati kontra ż-żoni residenzjali u l-infrastruttura ċivili; billi matul l-2023 komplew il-bumbardamenti qawwija u intensi flimkien mal-ġlied fuq l-art; billi n-NU kkonfermaw li minn Frar 2022 sfaw maqtula aktar minn 10 000 persuna ċivili, inklużi mijiet ta' tfal; billi n-numru reali ta' mwiet ta' persuni ċivili huwa stmat li jilħaq għexieren ta' eluf; billi ħafna aktar persuni ċivili ġew ittorturati, “indokrinati” bil-forza, iffastidjati, stuprati, maħtufa jew spostati b' mod furzat; billi din l-imġiba inumana mill-forzi Russi u mill-alleati tagħhom turi diżrispett totali lejn id-dritt umanitarju internazzjonali;
- C. billi miljuni ta' Ukreni qed jibqgħu jiġu spostati ġewwa u barra mill-Ukrajna, wara li ħarbu mill-aggressjoni tar-Russja; billi aktar minn 3,3 miljun persuna, inklużi 800 000 tifel u tifla, qed jgħixu tul il-kamp tal-battalja; billi d-djar, l-iskejjel u l-isptarijiet għadhom qed jiġu bbumbardjati kuljum; billi, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, il-kampanja ta' qerda tar-Russja fl-2023 ħalliet kważi 720 000 persuna fil-partijiet tal-Ukrajna l-aktar affettwati mingħajr aċċess għal akkomodazzjoni adegwata u sikura; billi l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji rrapporta li l-attakki indiskriminati fuq iż-żoni popolati tal-Ukrajna żdiedu f'Diċembru 2023, li enfasizzaw ix-xejra persistenti ta' mewt fost il-persuni ċivili, qerda u ħtiġijiet umanitarji matul l-2023;
- D. billi l-awtoritajiet Ukreni jistmaw li, minn mindu bdiet l-invażjoni fuq skala sħiħa fi Frar 2022, mill-anqas 19 546 tifel u tifla Ukreni ġew deportati u spostati bil-forza minn djarhom lejn ir-Russja u t-territorji okkupati Russi, u minn dawk, 388 biss irritornaw lura lejn darhom; billi ħafna mit-tfal maħtufa rrapportaw li ġarrbu abbuż fiżiku u mentali biex titneħħilhom l-identità Ukrena tagħhom;
- E. billi d-delitti tal-gwerra tar-Russja se jħallu popolazzjoni sħiħa trawmatizzata peress li 10 miljun persuna huma stmati li huma f'riskju ta' kundizzjoni ta' saħħa mentali jew li jgħixu biha, u huwa stmat li 3,9 miljun persuna qed tbatu minn sintomi moderati sa severi li jirrikjedu trattament għal problemi mentali, depressjoni, ansjetà u disturb minn stress postrawmatiku (PTSD); billi fl-2023, ġew irrapportati 227 inċident li affettwaw l-operazzjonijiet umanitarji fil-pajjiż, b'50 ħaddiem umanitarju maqtul jew midrub, inklużi 11 li nqatlu waqt il-qadi ta' dmirijiethom;
- F. billi n-nisa u l-bniet huma f'riskju b' mod partikolari matul kriżijiet umanitarji u ta' spostament, peress li jkomplu jkunu b' mod sproporzjonat vittmi ta' vjolenza abbażi tal-

ġeneru; billi ħafna nisa baqgħu fl-Ukrajna u qed iservu fi rwoli ta' kumbattiment; billi hemm indikazzjonijiet li suldati nisa Ukreni li nħatfu ġew ittorturati u soġġetti għal vjolenza sesswali; billi l-OHCHR irrapporta li, minħabba li l-irġiel jirrapreżentaw il-maġġoranza tal-vittmi ta' eżekuzzjonijiet sommarji mill-forzi Russi fit-territorji okkupati, il-membri tal-familja superstiti – ħafna minnhom nisa – jithallex biex ikampaw, spiss waħedhom, b'introjtu limitat tal-familja, żieda fil-piżijiet għall-indokraturi, u trawma mentali intensa u tbatija;

- G. billi l-ambjent naturali tal-Ukrajna kien mira speċifika fil-gwerra, peress li r-Russja kienet qed tagħmel b'mod sfaecat ħsara ambjentali enormi, bħall-ħruq ta' għelieqi u foresti, il-qtugħ illegali ta' siġar Ukreni għall-injam, u l-kontaminazzjoni tal-ilma u tal-ħamrija bi skart kimiku, bħala tattika li għandha l-għan li teqred l-art, l-abitabbiltà u l-kapaçità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jirnexxu u jkollhom suċċess; billi l-qerda tad-diġa ta' Kakhovka fis-6 ta' Ġunju 2023 hija eżempju ċar ta' azzjonijiet mir-Russja li se jkomplu jikkawżaw qerda ekoloġika fis-snin li għejjin; billi hemm proposta ta' definizzjoni legali internazzjonali ta' "ekoçidju", li tista' tiżdied mal-Istatut ta' Ruma tal-QKI bħala l-Artikolu 8c ġdid; billi "ekoçidju" huwa definit bħala "atti illegali jew intenzjonati mwettqa bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li dawk l-atti jikkawżaw ħsara severa u jew mifruxa inkella dejjiema lill-ambjent";
- H. billi r-Russja b'mod konxju tkompli thedded is-sigurtà tal-faċilitajiet nukleari ddedikati għal skopijiet paċifiċi fl-Ukrajna u l-persunal tagħhom, u dan żied b'mod sinifikanti r-riskju ta' inċident nukleari internazzjonali; billi r-Russja ssekwestrat u militarizzat l-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia (ZNPP), l-akbar impjant tal-enerġija nukleari fl-Ewropa; billi, wara żjara reċenti fis-sit, id-Direttur Ġenerali tal-IAEA esprima kawtela enormi fir-rigward tal-istat attwali taż-ZNPP, filwaqt li saħaq fuq il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni sostenibbli għal sors alternattiv ta' ilma tat-tberrid wara l-qerda f'Ġunju 2023 tad-diġa downstream ta' Kakhovka u għan-nuqqas ta' persunal;
- I. billi, skont ir-rapporti, ir-Russja orjentat mill-ġdid b'mod drammatiku l-ekonomija tagħha lejn "ekonomija tal-gwerra", flimkien ma' pjanijiet għal infiq għoli ħafna fuq id-difiża stmat li huwa ta' aktar minn EUR 100 biljun; billi huwa rrapportat li r-Russja tipproduċi aktar minn żewġ miljun balla tal-artillerija fis-sena domestikament, li huwa ferm aktar mill-kwantità li l-gvernijiet tal-UE kienu wegħdu lill-Ukrajna;
- J. billi l-aħħar Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet mill-Bank Dinji, mill-Gvern tal-Ukrajna, mill-Kummissjoni u min-NU tistma li fil-31 ta' Diċembru 2023, l-ispiża totali għall-bini mill-ġdid u għall-irkupru fl-Ukrajna se tkun ta' mill-anqas EUR 452,8 biljun matul id-deçennju li ġej; billi l-UE issa qed timplimenta l-Faċilità għall-Ukrajna, pakkett ta' għotjiet u self ta' EUR 50 biljun għall-perjodu mill-2024 sal-2027; billi dan il-finanzjament huwa żieda ma' aktar minn EUR 85 biljun ta' appoġġ, inkluża l-għajnuna militari, li diġà ġiet ipprovduta lill-Ukrajna; billi huma mistennija riżorsi addizzjonali fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), b'mod partikolari għall-għajnuna umanitarja;
- K. billi l-Istati Membri tal-UE s'issa pprovdew lill-Ukrajna b'EUR 28 biljun f'għajnuna militari u impenjaw b'mod preliminarjament ammont ulterjuri ta' madwar EUR 21,2 biljun għall-2024; billi hemm nuqqas ta' kondivizzjoni tal-piżijiet u solidarjeta bejn l-Istati

Membri fir-rigward tal-għajnuna militari pprovduta lill-Ukrajna; billi diversi Stati Membri kbar b'kapaçità sostanzjali fl-industrija tad-difiża kkontribwew ftit ħafna mill-ħtiġijiet tal-għajnuna militari Ukreni; billi l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE ħarrġet 40 500 suldat Ukren u qed tippjana li tħarreġ 20 000 oħrajn sas-sajf tal-2024; billi sar evidenti li l-UE se tkun tista' tibgħat biss madwar nofs il-miljun balla ta' munizzjon imwiegħda lill-Ukrajna sa Marzu 2024 u hija mistennija li tilħaq din il-mira disa' xhur aktar tard; billi l-aħħar pakkett ta' għajnuna tal-Istati Uniti għall-Ukrajna huwa mblukkat fil-Kungress; billi l-mexxejja tal-Ġermanja, taç-Ċekja, tan-Netherlands, tal-Estonja u tad-Danimarka talbu lill-Unjoni Ewropea timpenja ruħha mill-ġdid għal appoġġ fit-tul għall-Ukrajna, u ddeskrivew dan bħala “responsabbiltà Ewropea konġunta”;

- L. billi fl-14 ta' Diçembru 2023, il-Kunsill Ewropew iddeçieda li jiftaħ negozjati tal-adeżjoni mal-Ukrajna; billi minkejja l-aggressjoni Russa u s-sitwazzjoni soçjoekonomika prekarja, il-Gvern tal-Ukrajna rnexxielu jikseb suçcess fir-riformi kontinwi tiegħu ta' deçentralizzazzjoni u demokratizzazzjoni;
- 1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-involvement tal-Belarusija f'din il-gwerra, u jeżiġi lir-Russja tte mm minnufih kull attività militari fl-Ukrajna, tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu rikonoxxut internazzjonalment tal-Ukrajna u tikkumpensa lill-Ukrajna għad-ħsara kkawżata lill-poplu, l-art u l-infrastruttura tagħha;
- 2. Jesprimi s-solidarjetà assoluta tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna, jappoġġa bis-sħiħ l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, u jissottolinja li din il-gwerra tikkostitwixxi ksur serju tad-dritt internazzjonali;
- 3. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur massiv u gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-delitti tal-gwerra mwettqa matul dawn l-aħħar sentejn mill-forzi armati Russi u minn diversi awtoritajiet ta' okkupazzjoni fl-Ukrajna, inklużi qtil sommarju, stupru u forom oħra ta' attack sesswali, tortura, ħtif u l-qerda mmirata ta' żoni residenzjali; jinsisti li l-uffiçjali responsabbli tal-gvern u l-mexxejja militari, il-propagandisti fuq il-media, u persuni oħra li jwettqu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, inkluż ġenoçidju maħsub, jeħtiġilhom jinżammu responsabbli; itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħidma tal-QKI li tikkontribwixxi biex tintemm l-impunità tal-awturi tad-delitti l-aktar gravi li jqajmu tħassib fost il-komunità internazzjonali; iħeġġeġ lill-Ukrajna, għal dan il-għan, tikkunsidra li ssir Stat Parti għall-Istatut ta' Ruma;
- 4. Jisħaq li aktar minn 14,6-il miljun persuna fl-Ukrajna jeħtieġu għajnuna umanitarja, filwaqt li aktar minn sitt miljun çittadin Ukren ġew spostati mill-Ukrajna; jinnota li l-għadd ta' persuni affettwati huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti jekk ir-Russja jirnexxilha tirbaħ aktar territorju; jissottolinja l-ħtieġa kontinwa li l-UE tipprovi għajnuna umanitarja lill-Ukrajna, kif ukoll li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-miljuni ta' persuni spostati mill-Ukrajna u fi ħdanha, b'mod partikolari dawk li jappartjenu għal gruppi f'riskju; jinnota li l-ħtieġa ta' appoġġ umanitarju x'aktarx se tkompli fis-snin li ġejjin u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tkun lesta tissodisfa dawn il-ħtiġijiet bi ppjanar fit-tul u b'fondi adegwati; itenni l-appell tiegħu lill-UE biex iżżid l-isforzi tagħha biex

tindirizza s-sitwazzjoni mwiegħra ta' dawk li ġew deportati bil-forza lejn ir-Russja u tat-tfal li ġew adottati bil-forza fir-Russja;

5. Jistieden lill-Istati Membri jaġevolaw is-soġġorn temporanju ta' rifuġjati mill-Ukrajna fl-UE permezz ta' programmi u politiki li għandhom l-għan li jiżguraw aċċess bi prezz raġonevoli u adegwat għall-akkomodazzjoni, l-ikel, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' impjieg, jippermettu residenza fit-tul u aċċess għan-nazzjonalità, jaġevolaw il-moviment bejn il-komunità ospitanti tagħhom u l-Ukrajna, u jipprovdu għajjuna lill-Ukreni, b'mod partikolari lit-tfal, biex jippreżervaw il-kultura u l-lingwa tagħhom meta jkunu barra mill-pajjiż;
6. Jilqa' l-appoġġ ipprovdut lill-kultura Ukrena permezz tal-Programm Ewropa Kreattiva fil-forma ta' sejħa għal proposti ddedikata u jħeġġeġ li dan l-appoġġ jiġi estiż u msaħħaħ, minħabba l-importanza li tiġi ssalvagwardjata l-identità kulturali u lingwistika tal-Ukreni fl-UE u fl-Ukrajna; jilqa', f'dan il-kuntest, il-ħidma tas-sottogrupp ta' esperti tal-Kummissjoni ddedikat għas-salvagwardja tal-wirt kulturali fl-Ukrajna u jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-esperti;
7. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli, l-użu tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru bħala arma tal-gwerra u jisħaq li dan jikkostitwixxi delitt tal-gwerra; jistieden lill-UE u lill-pajjiżi ospitanti jiggarantixxu aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi u d-drittijiet relatati, inkluż għal superstiti ta' stupru, u jappoġġjaw il-provvista ta' dawn is-servizzi fl-Ukrajna;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Ukrajna jħejju biex jindirizzaw il-ħtiġijiet sinifikanti tal-kura tas-saħħa (mentali) li huma mistennija li jirriżultaw wara l-gwerra f'reġjuni li qabel kienu okkupati, speċjalment għal dawk li kienu detenuti, torturati, stuprati jew b'xi mod ieħor abbużati mill-forzi ta' okkupazzjoni Russi, inkluż fil-Krimea; jitlob, f'dan ir-rigward, li r-Russja teħles minnufih il-priġunieri politiċi kollha fit-territorji okkupati tal-Ukrajna;
9. Itenni l-kundanna tiegħu għall-qerda tad-diġa ta' Kakhovka fiż-żona okkupata mir-Russja tan-Nofsinhar tal-Ukrajna, bl-użu ta' diżastru kkawżat mill-bniedem bħala arma tal-gwerra; jisħaq li dan l-att atroċi ta' aggressjoni mir-Russja jikkostitwixxi ekoċidju peress li kkawża ħsara kbira u l-qerda tal-ekosistemi u l-għajxien ta' miljuni ta' Ukreni li jgħixu fir-reġjun; jenfasizza li l-qerda tad-diġa mir-Russja kienet attakk ċar fuq l-infrastruttura ċivili kritika u għalhekk tirrappreżenta delitt tal-gwerra; iħeġġeġ lill-Prosekutur tal-QKI jqis il-każ tal-kollass tad-diġa ta' Kakhovka għall-prosekuzzjoni skont l-Artikolu 8;
10. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-impatt ambjentali fit-tul tal-kunflitt u jikkundanna l-atti kollha ta' ekoċidju tar-Russja kontra l-flora u l-fawna tal-Ukrajna u l-avvelenament tagħha tal-atmosfera u tar-riżorsi tal-ilma permezz tal-azzjonijiet militari tagħha; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw assistenza mmirata fit-tul biex jittaffa kemm jista' jkun l-impatt ekoloġiku fit-tul tal-gwerra; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġhmlu dak kollu li jistgħu biex jipproteġu lill-Ukrajna minn atti ulterjuri ta' ekoċidju mir-Russja;
11. Jiddeplora t-tentattivi tar-Russja li tiċħad lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha mill-identità etnika, lingwistika u storika tagħhom billi tħassar is-sinjali ta' identità Ukrena

f' territorji okkupati u annessi, filwaqt li tipprojbixxi l-użu tal-lingwa u s-simboli Ukreni, u t-tentattivi ripetuti mill-President Russu u minn uffiċjali oħra biex jerġgħu jiktbu l-istorja;

12. Jikkundanna bil-qawwa l-qerda u s-serq mir-Russja tal-artefatti kulturali tal-Ukrajna, bħall-knejjes, ix-xogħlijiet tal-arti, il-mużewijiet u l-universitajiet; jieħu nota tal-ħsara, kif ivverifikata mill-UNESCO, li ġiet ikkawżata lil 341 sit mill-bidu tal-invażjoni fuq skala sħiħa, inklużi 126 sit reliġjuż, 150 binja ta' interess storiku u/jew artistiku, 31 mużew, 19-il monument, 14-il librerija u arkivju wieħed; itenni li l-qerda u s-serq intenzjonati tas-siti ta' wirt kulturali Ukreni jistgħu jirrappreżentaw delitti tal-gwerra;
13. Jilqa' l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna filwaqt li, fl-istess ħin, jirreferi għall-istima fl-aħħar Valutazzjoni Rapida tal-ħsara u l-ħtiġijiet li l-Ukrajna se jkollha bżonn tal-anqas EUR 452,8 biljun matul l-għaxar snin li ġejjin għall-irkupru u għall-bini mill-ġdid tagħha; jisħaq għalhekk, li l-fondi previsti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Ukrajna mhux se jkunu biżżejjed u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom għal finanzjament addizzjonali fit-tul għall-Ukrajna, b'mod partikolari minħabba li l-aħħar pakkett ta' għajjnuna tal-Istati Uniti lill-Ukrajna għadu mblukkat fil-Kungress; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmobilizza s-sħab internazzjonali u l-fondi għall-bini mill-ġdid tal-Ukrajna kif ukoll tkompli tikkoopera mill-qrib mal-gvernijiet awtonomi lokali u l-gvern ċentrali fl-Ukrajna, filwaqt li tinsisti fuq riformi demokratiċi u istituzzjonali ambizzjużi f'oqsma bħal-libertà tal-media, l-istat tad-dritt, id-deċentralizzazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jilqa' d-deċiżjonijiet tal-G7 u tal-UE li jwittu t-triq lejn l-użu tal-profitti ġenerati mill-assi Russi kkonfiskati għall-bini mill-ġdid tal-Ukrajna; itenni s-sejħa tiegħu li jiġu esplorati perkorsi legali għall-użu tal-assi ffriżati ta' individwi Russi u tal-Bank Ċentrali Russu għall-bini mill-ġdid tal-Ukrajna, f'konformità mad-dritt internazzjonali;
14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE jżidu u jaċċelleraw l-assistenza militari tagħhom lill-Ukrajna bħala kwistjoni tal-akbar urġenza, b'mod partikolari l-provvista ta' armi u munizzjon b'rispons għall-ħtiġijiet identifikati b'mod ċar; jesprimi tħassib li l-mira ta' miljun balla ta' munizzjon mhux se tintlaħaq kif imwiegħed; jistieden lill-Istati Membri u lis-SEAE jippreżentaw informazzjoni lill-Parlament dwar il-volum u l-valur tal-kunsinni preċedenti ta' għajjnuna militari lill-Ukrajna, inkluż l-awditu mwettaq mis-SEAE, u l-ammont ta' għajjnuna li l-Istati Membri huma lesti li jimpenjaw ruħhom għalih matul l-2024;
15. Iħeġġeġ b'mod partikolari lill-akbar Stati Membri b'kapaċità sostanzjali tal-industrija tad-difiża, bħal Franza, Spanja u l-Italja, iżidu b'mod sinifikanti u urġenti l-assistenza militari lill-Ukrajna; jisħaq li hemm bżonn li l-ammont u l-kwalità tal-għajjnuna militari li Stat Membru jagħti lill-Ukrajna jingħaqdu mal-livell ta' sussidji li jirċievu l-kumpaniji tad-difiża tiegħu fl-ambitu tal-Fond Ewropew għad-Difiża sabiex jissaħħu s-solidarjeta u s-sigurtà kemm fl-UE kif ukoll fl-Ukrajna;
16. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri jidħlu immedjatament fi djalogu mal-kumpaniji tad-difiża sabiex jiggarrantixxu li l-produzzjoni u l-kunsinna, b'mod partikolari, tal-munizzjon, il-balal u l-missili għall-Ukrajna jingħataw prijorità fuq ordnijiet minn pajjiżi terzi oħra; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) issir għodda li tiffoka aktar fuq l-inċentivar tat-twassil u tal-akkwist konġunt ta' teknoloġija militari

tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku għall-Ukrajna, u fuq il-prevedibbiltà fuq perjodu medju ta' żmien fir-rigward ta' baġit kbir biżżejjed għall-kunsinni lejn l-Ukrajna; jappoġġja, f'dan ir-rigward, il-proposta mill-VP/HR għall-ħolqien ta' fond ta' assistenza tal-Ukrajna ta' EUR 20 biljun fl-EPF fuq perjodu ta' erba' snin;

17. Itenni l-appoġġ tiegħu għad-deċiżjoni tal-Istati Membri li jiftħu negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 49 tat-TUE u bħala l-bidu ta' proċess ibbażat fuq il-mertu; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-rieda politika biex jagħtu spinta għda lill-proċess ta' tkabbir u jwettqu l-wegħdijiet tagħhom b'passi pożittivi konkreti fil-proċessi ta' adeżjoni ta' pajjiżi li jfittxu li jissieħbu fl-Unjoni u li jistħoqqilhom li jkunu parti mill-familja Ewropea; jissottolinja l-ħtieġa kruċjali li l-pajjiżi li jixtiequ jaderixxu mal-UE jimplementaw ir-riformi meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-istat tad-dritt, id-demokrazija, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem;
18. Jilqa' l-adozzjoni tat-13-il pakkett ta' sanzjonijiet tal-UE fil-konfront tar-Russja, li se jkollu fil-mira tiegħu individwi addizzjonali kif ukoll entitajiet mir-Russja, miċ-Ċina u minn pajjiżi oħra meqjusa li qed jgħinu fl-isforz tal-gwerra ta' Moska; jistieden lis-sħab kollha, b'mod partikolari lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lil pajjiżi kandidati potenzjali, biex jallinjaw ruħhom mal-pakketti ta' sanzjonijiet; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw miżuri kontra pajjiżi terzi li jippruvaw jgħinu lir-Russja u lill-Belarużja biex jevitaw is-sanzjonijiet imposti;
19. Itenni s-sejħa tiegħu għal aktar restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' merkanzija mir-Russja, inkluża l-materja prima, bħall-metalli, u l-prodotti agrikoli u tas-sajd; jisħaq fuq i-ħtieġa li jiġi stabbilit embargo immedjat u sħiħ fuq l-importazzjonijiet ta' fjuwils fossili u ta' uranju mir-Russja, u li l-limitu massimu fuq il-prezzijiet għall-prodotti taż-żejt Russi jitnaqqas aktar f'koordinazzjoni mas-sħab tal-G7 sabiex jitwaqqaf il-finanzjament tal-gwerra ta' Putin bi flus l-UE; jitlob, barra minn hekk, li jiġu imposti miżuri punitivi kontra l-“flotta li tinvolvi ruħha f'attivitajiet illeċiti” tar-Russja, li tittrasporta ż-żejt mingħajr assigurazzjoni fuq bastimenti prekarji mill-ilmijiet tal-UE u internazzjonali, u li jkun hemm sanzjonijiet kontra kumpaniji miċ-Ċina u pajjiżi oħra li jgħinu lir-Russja tevita s-sanzjonijiet; jitlob li r-reġim attwali ta' liċenzjar militari u b'użu doppju jiġi estiż biex jinkludi grupp ħafna akbar ta' prodotti rilevanti għall-gwerra, inklużi l-komponenti diġitali;
20. Jappella għal sanzjonijiet fuq is-settur nukleari tar-Russja, inklużi sanzjonijiet individwali kontra t-tmexxija ta' Rosatom, sabiex titnaqqas u titneħħa gradwalment il-preżenza tar-Russja fis-settur tal-enerġija nukleari tal-Ewropa, jiġu pprevenuti t-trasferimenti tat-teknoloġija lejn Rosatom, jiġi pprevenut li bastimenti minn Atomflot, sussidjarja ta' Rosatom, jidħlu fil-portijiet tal-UE u tiżdied il-preżjoni internazzjonali biex tintemm l-okkupazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia u tiġi żgurata b'mod aktar wiesa' s-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari affettwati minn kunflitti;
21. Jesprimi t-ħassib serju tiegħu dwar il-kummerċ kontinwu ta' oġġetti sanzjonati li huma kritiċi għall-gwerra bejn il-pajjiżi tal-UE u r-Russja; jiddeplora n-nuqqas serju ta' kultura ta' konformità fir-rigward tas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja; jikkundanna l-prattika li fiha l-oġġetti sanzjonati mill-UE jinbiegħu lil kumpaniji jew individwi minn pajjiżi terzi, filwaqt li l-oġġetti jkunu għadhom fl-UE, u mbaġħad jintbagħtu direttament



lejn ir-Russja; jikkundanna l-kumpaniji, inklużi dawk fl-UE, li deliberatament jevadu s-sanzjonijiet, li jwassal għal profitti enormi, u b'hekk jimminaw l-isforzi tal-UE biex tappoġġja lill-Ukrajna; jinsisti li l-evitar ta' miżura restrittiva tal-UE, inkluż bit-trasferiment ta' oġġetti lejn destinazzjoni fejn l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-bejgħ, ix-xiri, it-trasferiment, it-tranżitu jew it-trasport tagħhom huma ristretti, għandha tiġi kriminalizzata fil-livell tal-UE; jisħaq li huwa kruċjali għall-infurzar li l-UE tikkriminalizza malajr il-ksur tas-sanzjonijiet diretti, inkluż meta jitwettagħ b'negliġenza serja, kif ukoll ksur ta' sanzjonijiet indiretti permezz tal-evalazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE;

22. Jappella għal solidarjetà kontinwa mal-Ukrajna madwar l-UE kollha, inkluż billi tiġi appoġġjata l-kapaċità tagħha li tikkummerċjalizza l-prodotti agrikoli tagħha bħala mod vitali biex tingħata spinta lir-riżorsi tagħha; jesprimi dispjaċir kbir għall-imblokki ripetuti tal-fruntieri mill-bdiewa u mis-sewwieqa tat-trakkijiet tul il-fruntiera bejn il-Polonja u l-Ukrajna u partijiet oħra tal-fruntiera bejn l-UE u l-Ukrajna, li jikkawżaw ħsara serja lill-ekonomija tal-Ukrajna fi żmien kritiku fil-ġlieda tagħha kontra r-Russja kif ukoll li jikkumplikaw jew saħansitra jimpedixxu l-qsim tal-fruntieri mill-persuni ċivili; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsolvu tali tilwim u animożità filwaqt li jiżguraw li l-Ukrajna tkun tista' tuża b'mod sħiħ il-Korsiji ta' Solidarjetà; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tnedi proċeduri ta' ksur kontra dawk l-Istati Membri li għadhom qed jimplimentaw projbizzjonijiet illegali fuq l-importazzjoni kontra l-prodotti agrikoli Ukreni; jitlob li jsiru investigazzjonijiet dwar l-allegat involviment tal-Gvern Russu u l-alleati tiegħu fil-ħolqien ta' ostakli għall-esportazzjoni ta' merkanzija mill-Ukrajna;
23. Jenfasizza l-ħidma eċċellenti tad-diplomatiċi Ukreni u tal-membri individwali tal-Verkhovna Rada fil-konsolidazzjoni tal-appoġġ tal-pajjiżi demokratiċi għall-Ukrajna; jisħaq li fid-dawl tal-gwerra ibrida Russa, huwa essenzjali li jkomplu jissaħħu r-relazzjonijiet mas-sħab internazzjonali, inkluż billi jitneħħew l-ostakli għar-rappreżentanti tal-Gvern Ukren u l-oppożizzjoni biex jagħmlu vjaġġi barra mill-pajjiż għal tali skopijiet;
24. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni u forom oħra ta' gwerra ibrida użati mir-Russja, l-alleati u s-sostenituri tagħha fl-UE, il-viċinat tagħha, u n-Nofsinar Globali, billi jsaħħu r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali, jibnu narrattivi bbażati fuq il-fatti, isaħħu l-infrastruttura diġitali u demokratika, u jżommu pjattaformi online responsabbli għat-tixrid ta' kontenut dannuż;
25. Itenni li huwa fl-interess vitali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li tiġi żgurata r-rebħa tal-Ukrajna peress li, skont it-tmexxija tar-Russja, l-alleati tagħha u l-intelliġenza militari tal-UE, ir-Russja tista' tippjana li tinvaði pajjiżi kandidati oħra tal-UE u l-Istati Membri f'każ ta' suċċess militari fl-Ukrajna;
26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jgħaddu b'mod urġenti għal kooperazzjoni Ewropea bħala regola għall-forzi armati u għall-industrija, sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-produzzjoni militari Ewropea u tal-infiq fuq id-difiża, jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, l-istandardizzazzjoni u t-trasferiment aħjar tal-għarfien espert, bil-għan li jinbnew il-kapaċitajiet militari li jippermettu lill-UE tikseb stat ta' tħejjija għad-difiża effettiva u għajjnuna affidabbli, u solidarjetà ma' sħab tal-istess fehma, filwaqt li tibqa' lesta li

taġixxi b'mod awtonomu biex tiskoraġġixxi t-theddid estern;

27. Itenni l-appell tiegħu biex jitwaqqaf tribunal speċjali biex issir investigazzjoni u prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni mwettaq mit-tmexxija politika u militari tal-Federazzjoni Russa u tal-Belarussja kontra l-Ukrajna; ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ politiku u finanzjarju għall-istabbiliment ta' tali tribunal, u jiżguraw il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-isforzi kollha li għaddejjin biex iżommu rendikont ta' dawk li jwettqu reati rikonoxxuti internazzjonalment kontra l-Ukrajna u l-poplu tagħha; jemmen li l-UE jeħtiġilha turi sens ta' tmexxija f'din il-ġlieda kontra l-impunità u favur il-paċi;
28. Jistieden lill-Assemblea Ġenerali tan-NU żżomm il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna fuq l-aġenda tagħha u jistieden lis-sħab tal-UE madwar id-dinja jkomplu jipprovdu appoġġ politiku u umanitarju lill-Ukrajna peress li tiddefendi l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tagħha; jistieden lis-SEAE u lill-Istat Membri tal-UE jżidu d-djalogu tagħhom ma' mexxejja dinjija minn reġjuni oħra fir-rigward tal-appoġġ għall-Ukrajna u jsaħħu l-persjoni internazzjonali fuq ir-reġim Russu;
29. Jesprimi l-apprezzament kbir tiegħu għall-ħidma kontinwa u bla xkiel tal-persunal lokali tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Ukrajna f'ċirkostanzi li jibqgħu diffiċli ħafna għalihom u għall-qraba tagħhom; ihegġegħ lis-SEAE u lill-Kummissjoni jadottaw pjanijiet ta' kontinġenza u soluzzjonijiet *interim* għall-persunal lokali tad-Delegazzjoni tal-UE, inkluż it-telexoġhol u arranġamenti ta' ħidma flessibbli u soluzzjonijiet ta' rilokazzjoni temporanja, li huma mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-isfidi reali tal-persunal; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li tingħata attenzjoni adegwata lis-saħħa mentali tal-persunal tad-Delegazzjoni tal-UE;
30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna, kif ukoll lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.